# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, il-Ġimgħa, 23 ta' Frar, 2024.

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 78/2020 ISB**

**Tania Micallef (Karta tal-identità numru: 130891(M)) u residenti ġewwa 'Doris', Flat 6, Triq it-Turisti, Qawra**

**vs**

**Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tar-rikorrenti **Tania Micallef**, intavolat fis-26 ta' Novembru 2020, li permezz tiegħu huma talbu lill-Qorti sabiex:-

> *"...tordna lir-Reġistratur tal-Kumpaniji jerġa' jdaħħal isem is-soċjetà General Waterproofing (C-20137) fir-Reġistru tal-Kumpaniji u dan taħt dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u*

*opportuni, biex b'hekk l-istess soċjetà titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma ġiex imħassar u sabiex tagħmel dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa ai termini tal-Liġi relattivi għal tali inserzjoni fir-Reġistru tal-Kumpaniji u dan taħt dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni."*

U dan wara li ppremettiet:

*Illi għalkemm is-socnetà General Waterproofing Ltd kienet inattiva mill-kummerċ għall-aħħar snin, ir-rikorrent temmen li jkun opportun li hija tiġi riattivata sabiex jiġi evitata preġudizzju lill-istess rikorrenti li hija hi stess azzjonista fl-imsemmija soċjetà;*

*Illi jirriżulta li fis-27 ta' Ġunju 2020 isem din is-soċjetà ġie mħassar mir-Reġistru tal-Kumpaniji;*

*Illi l-esponent iħoss ruħu aggravat minn din id-deċiżjoni tar-Reġistratur tal-Kumpaniji peress illi irriżulta lill-esponent li attwalment din is-soċjetà għad għandha assi konsiderevoli konsistenti fi proprjetà mobbli u mmobbli nkluż l-istess kapital tas-soċjetà General Waterproofing Ltd (C-20137);*

*Illi però l-istess esponenti bl-ebda mod ma kellha x'taqsam mal-ġestjoni ta' l-istess soċjetà u li ilha ma topera għal snin twal;*

*Illi in effetti da riċenti ġie nnutat minn l-azzjonisti dan l-istat ta' fatt liema stat ta' fatt ġie a konjizzjoni tal-esponent li għamel il-verifiki neċessarji;*

*Illi dan ir-rikors qiegħed isir fit-terminu ta' ħames snin previst fl-artikolu 325(4) tal-Kap. 386 u l-esponent huwa għaldaqstant persuna interessata fit-termini ta' dan is-subartikolu;*

Rat **<u>id-digriet</u>** tagħha, kif diversament preseduta, tat-3 ta' Diċembru 2020 fejn ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tat-18 ta' Frar 2021 fid-9:15 a.m.

Rat illi fl-24 ta' Diċembru 2020, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intiamata ppreżentat **<u>ir-risposta</u>** tagħha (fol 9) bid-dokument hemmhekk anness, li permezz tagħha, hija sostniet:

*Illi l-kumpanija General Waterproofing Ltd (C 20137) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru"), fis-17 ta' Mejju tas-sena 1996;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji. Tant hu hekk illi l-aħħar kont annwali reġistrat mar-Reġistratur tal-Kumpaniji huwa dak tas-sena 2001, u l-aħħar prospett annwali huwa tas-sena 2002;*

*Illi tali nuqqas kien raġuni biżżejjed sabiex l-esponent Reġistratur jissoponi illi il-kumpanija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċeda sabiex kiteb lill-kumpanija u lill-uffiċjal tagħha sabiex javża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi r-Reġistratur bagħat l-ewwel avviz permezz ta' ittra lill-kumpanija (annessi u mmarkati bħala Dok. 'A', l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) fuq l-indirizz reġistrat tagħha u kif ukoll lill-unika direttur, li huwa tat-tnejn li huma Flat 6, Doris Flats, Triq it-Turisti, Bugibba – San Pawl il-Bahar, datata, 18 ta' Frar 2020;*

*Illi t-tieni avviż gie mibgħut permezz ta' ittra oħra kemm lill-kumpanija u lid-direttur fuq l-istess indirizz fis-27 ta' Marzu, 2020.*

*Illi f'dawn l-ittri l- kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont l-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar u t-tieni ittra fi żmien tliet xhur, ir-Reġistratur kien se jkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija.*

*Illi fis-27 ta' Marzu 2020, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan.*

*Illi r-rikorrenti bħala dirretur tal-istess kumpanija qatt ma oġġezzjonat għal tali proċess matul il-perjodu ta' tliet xhur provdut mir-Registratur għal-ġid ta' kull min seta qatt kellu interess jagħmel dan.*
*Illi fil-frattemp ir-Reġistratur qatt ma rċieva l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fit-30 ta' Ġunju 2020, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponent ħareġ avviż fuq website miżmuma minnu fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*
*Illi r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi;*
*Illi filwaqt illi r-Reġistratur jixtieq illi jekk il-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru, tali kumpanija għandha taġġorna d-dokumentazzjoni meħtieġa (inkluż il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan sabiex jiġi salvagwardjat l-interessi tat-terzi persuni.*
*Illi r-Reġistratur huwa kreditur ta' din il-kumpanija huwa stess u għaldaqstant huwa għandu jiġi mħallas il-penali dovuti fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' informazzjoni dwar il-prospetti annwali u kontijiet annwali li jammontaw għal* ***EUR 16,255.50***
*Illi di piu', il-pagament dovut fuq reġistrazzjonijiet ta' prospetti annwali li baqgħu pendenti jammontaw għal* ***EUR 5,713.49**.*

*Illi għaldaqstant ir-Reġistratur qiegħed umilment jissolleva illi qiegħed iħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi, sabiex jistabbilixxu jekk il-kumpanija in kwistjoni timmeritax illi tidħol lura fuq ir-Reġistru. Ir-Reġistratur m' għandux oġġezzjoni għal dan u għalhekk lest li joqgħod għal kull direzzjoni u provediment li l-Qorti jidrilha xierqa u opportun sabiex ir-rikorrent ikun fil-posizzjoni illi jeżerċita kwalunkwe drittijiet spettanti lilu bħala kreditur tal-*

> *kumpanija msemmija. Filwaqt illi r-Reġistratur ma jispiċċax b'kumpaniji fuq ir-Reġistru li m'humiex konformi mal-Att dwar il-Kumpaniji għal zmien indefinit.*

Rat illi fl-udjenza tat-18 ta' Frar 2021, deher l-Avukat Christian Camilleri għar-rikorrent u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpaniji.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-17 ta' Novembru 2023, minn fejn jirriżulta illi d-difensuri tal-partijiet iddikjaraw illi l-pendenzi <u>kollha</u> tas-soċjetà General WaterProofing Limited kienu ġew riżolti u regolarizzati, u għalhekk bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għal-lum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrent *ai termini* tal-**Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**, u li permezz tagħha, ir-rikorrenti, li hija azzjonista tal-kumpanija **General Waterproofing Limited (C 20137)**, liema kumpanija tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fis-27 ta' Ġunju 2020.

Illi, f'dan il-kuntest, ir-rikorrenti għandha kull interess illi l-istess kumpanija terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u dana stante li għandha interess li l-kumpanija tibqa' operattiva stante li l-kumpanija għad għandha diversi assi kemm mobbli u kemm immobbli li ma tixtieqx li jaqgħu f'idejn il-Gvern ta' Malta.

Illi r-rikorrenti ddikjarat mill-bidu, sa mill-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, illi hija kienet lesta li tieħu kull azzjoni meħtieġa sabiex tiġi regolarizzata l-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni General Waterproofing Limited (C 20137) u fil-fatt iddikjarat li lesta tieħu kull azzjoni meħtieġa sabiex tkun f'pożizzjoni li tirregolarizza l-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni.

Illi l-intimata Reġistratur tgħid illi l-kumpanija msemmija kienet naqset mill-obbligi tagħha mar-Reġistratur, li tibgħat kontijiet u prospetti annwali.

Illi għalhekk kellha kull raġuni valida fil-liġi biex tikkanċella l-kumpanija u għaddiet mill-proċeduri kollha li trid il-liġi biex sar dan u kienu akkumulaw *registration fees* u penali kif indikat fir-risposta.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta:**

> *Jekk membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bżonn biex kumpanija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji terġa' ssib postha fuqu *ai termini* tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta l-kumpanija General Waterproofing Limited (C 20137) ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Id-dokumenti ppreżentati jitkellmu waħedhom u ma jirriżultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li rriżultaw.

Il-Qorti però, kif tagħmel dejjem f'ċirkostanzi bħal dawn u qabel ma tgħaddi għall-provvediment, tqis id-disponibilità li kellha r-rikorrenti illi tirregolarizza l-affarijiet tal-kumpanija mar-Reġistratur intimata. F'dan il-każ, ir-rikorrenti

żammet kelmitha u l-promessa magħmula mill-istess rikorrenti inżammet, tant illi l-Qorti ġiet mgħarrfa illi l-pendenzi kollha kienu ġew regolarizzati.

Bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet għalhekk, il-Qorti ġiet mistiedna tgħaddi għall-provvediment.

Qabel ma' tgħaddi għad-deċiżjoni tagħha, il-Qorti però trid tosserva illi fl-udjenza tal-24 ta' Jannar 2022 hija ddikjarat illi kienet qegħda tistmerr l-aġir tar-rikorrenti stante illi fi trapass ta' kważi sena, ir-rikorrenti ma kienet għamlet xejn biex tirregolarizza l-affarijiet tal-kumpanija. Il-Qorti ħadet nota wkoll ta' dak li kien jiġi verbalizzat minn udjenza għall-oħra, inkluż mill-fatt illi kien biss f'Novembru 2023 illi l-Qorti ġiet mgħarrfa illi l-pendenzi fir-rigward tal-kumpanija *de quo* kienu ġew riżolti.

Il-Qorti trid tosserva wkoll id-dikjarazzjoni magħmula mir-rikorrenti fir-rikors promotur, meta ngħad illi l-kumpanija "*kienet inattiva mill-kummerc ghall-ahhar snin*", u sussegwentement meta ġie dikjarat illi hija "*bl-ebda mod ma kellha x'taqsam mal-gestjoni tal-istess socjeta' u ilha ma topera ghal snin twal*". Il-Qorti tinnota illi fil-proċeduri odjerni ma saret ebda dikjarazzjoni mir-rikorrenti illi kellha xi interess illi tiġġestixxi l-kumpanija (li jidher illi qatt ma ghamlet) u ghalhekk il-Qorti ma tistghax ma tkunx pre-okkupata illi bid-deċiżjoni tal-lum hija sejra tpoġġi lura fuq ir-Reġistru kumpanija li ma għandha ebda ħsieb illi tkun operattiva.

Il-Qorti tqis illi l-interess uniku u waħdani tar-rikorrenti fil-proċeduri u fil-kumpanija *de quo* bħala soċju huma l-assi mobbli u mmobbli illi jista' għandha l-kumpanija. Tant hu hekk illi jirriżulta mill-atti illi r-Reġistratur, qabel ma għadda biex ħa d-deċiżjoni tiegħu illi jneħħi l-kumpanija minn fuq ir-Reġistru, bagħat diversi ittri u avviżi fl-indirizz iddikjarat mir-rikorrenti stess fir-rikors tagħha – u r-rikorrenti ma jidher illi ħadet ebda interess illi ssegwihom.

Huwa għalhekk illi l-Qorti sejra tilqa' t-talba bil-kundizzjonijiet li ser tistipula biex ir-rikorrenti tieħu ħsieb tiddisponi mill-assi tal-kumpanija bil-għan illi isem il-kumpanija jerġa' jitħassar u, kif dejjem sostniet din il-Qorti, ikun kemm jista' jkun assikurat illi r-Reġistru ma jkunx mifni b'kumpaniji inoperattivi, li jkunu qegħdin hemm biss għall-isem.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq ikkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun ġust u ekwu illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, tordna lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex, *ai termini* tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fi żmien ħmistax-il jum, terġa' ddaħħal l-isem ta' **General Waterproofing Limited (C 20137)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** tordna lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex twettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa *ai termini* tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpanija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpaniji.

3. **Fit-tielet lok**, tordna, illi l-isem ta' **General Waterproofing Limited (C 20137)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpaniji għall-perjodu massimu ta' tlett (3) snin bil-għan illi f'dan il-perjodu, ir-rikorrenti tieħu ħsieb illi tiddisponi mill-assi tal-istess kumpanija inoperattiva, u sadanittant, ir-rikorrenti għandha tassigura ruhha ili tottempra ruħha mal-liġi fl-obbligi u r-responsabbilitajiet tagħha versu r-Registratur intimat.

4. **Fir-raba' lok**, tordna illi l-ispejjeż ta' din il-proċedura u kif ukoll kwalsiasi spejjeż illi tista' tinkorri ir-Reġistratur intimata sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpanija **General Waterproofing Limited (C 20137)** fuq ir-Reġistru tal-kumpaniji jkunu a karigu tar-rikorrenti.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**